# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.12: Kif ser ngħin tassew**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Jirrevedu l-istorja tal-Paralitiku.

b) Jagħrfu s-siwi tal-għajnuna lejn l-oħrajn.

c) Japprezzaw u jagħtu kura u jieħdu ħsieb xulxin.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- *Powerpoint* – stampi ta' persuni li qed jgħinu lil xulxin u oħrajn le.
- Karta' ta' Taħriġ Addizzjonali.
- Pinġi l-affarijiet li Ġesù jridek tagħmel.



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Fakkar fl-istorja tal-Paralitiku u islet l-importanza tal-ħbieb.
- Oħloq diskussjoni dwar kemm id-dinja tkun vojta mingħajr ħbieb.



**Nisimgħu flimkien (Il-Pjan tal-lezzjoni)**

- Aqra dawn iż-żewġ stejjer qosra lit-tfal u ddiskutihom mat-tfal fil-klassi.



**<u>Storja 1</u>**

Marija kienet bil-għaqal ħafna, tħobb lil kulħadd u tgħin lil kulħadd. Darba Claire li kienet bil-qiegħda ħdejha ma kellhiex kulur isfar biex tkompli l-istampa li kienet qed tagħmel. Maria pronta qaltilha: Hawn ħa ħu tiegħi, mhux xorta. Jien lanqas li kieku kont ħa nużah xorta kont insellifulek. Inkella kif ħa nuri li jien inħobb tassew?

- Agħmel xi mistoqsijiet dwar din l-istorja bħal:

1. X'tgħidlek l-istorja dwar Marija?
2. Għalfejn għandna ngħinu?
3. Kif taħseb li kienet ir-relazzjoni ta' Claire ma' Marija?
4. Hekk kellha tagħmel Marija biex tħobb lil Ġesù?

**Storja 2**

Martin kien imqareb wisq. Darba waqt il-brejk beda jittanta lil Mark li kien bil-qiegħda ħdejh. Mark talbu jieqaf għax hu ried jieħu l-*lunch* bil-kwiet. Martin lanqas semgħu u baqa' jiċċajta kif kien qabel. F'daqqa waħda bi żball waqqa' l-*bottle* ta' Mark u mlielu l-ħobż kollu ilma u l-ġersi ukoll.

- Agħmel xi mistoqsijiet dwar din l-istorja bħal:

1. Xi żball għamel Martin?
2. X'kellu jagħmel Martin biex juri rispett lejn Mark?
3. Għalfejn xi kultant ma nisimgħux lil xulxin?
4. X'kellu jagħmel Mark wara l-iżball li għamel?

- Enfasizza li l-ħbieb għalkemm ikunu jafuna rridu nirrispettawhom billi naċċettaw l-opinjoni tagħhom u ma niffittawhomx iżżejjed li ndejquhom.

- Għin lill-istudent joħolqu mima tal-istejjer fi gruppi.
- Uri l-istampi tal-*powerpoint* u stieden lit-tfal jiddiskutu d-differenzi li qed jaraw fil-pari tal-istampi.
- Agħlaq il-lezzjoni billi jekk trid tuża l-karta ta' Taħriġ Addizzjonali biex tkompli tikkonsolida dak li jkun intqal.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Meta ngħin inkun qed inħobb.
2. Ngħin billi nsellef lil min għandu bżonn.
3. Naqsam li għandi mal-oħrajn.
4. Inkun ma' kulħadd.
5. Inħalli lil kulħadd jilgħab.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




- Kemm hu sabiħa l-għajnuna li nagħtu lil xulxin. Lil min ser ngħin illum?

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Mima tal-istejjer li tkun qrat l-għalliema.



**Nitolbu**

Mulej għini biex nirrispetta u nħobb lil ħbieb ta' madwari bis-serjeta'.

